*-469A kap 12*

*- prinċipji tal-ġustizzja naturali*

*- leġittimu kontradittur meta Awtorita' tirrikmanda lill-Ministru*

*- rimedju alternattiv*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 TA' FRAR, 2020.**

**Rikors Nru. 251/2018GM**

John Tanti (1021544M) u Ammorin limited (C31370),
Sylvia Gauci (585254M), Karmar Limited (C10065),
Angela Debattista (116439M), Nazzareno Debattista (473761M),
Godwin Debattista (591463M), Ronald Debattista (188569M),
Isabella Debattista (409160M) u Joanne Debattista (191374M),
Godwin Vella(90167M) u Islets Development Company
Limited (C-10525), Emanuel Formosa (340071M),
Maria Dolores Formosa (69845M) u Cardor Limited (C-8718)

vs

Awtorita` tal-Ippjanar, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali,
Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjeta`

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi ppreżentat fis-16 ta' Marzu 2018, fejn abbażi tal-premessi illi:

1. Fit-18 ta' Diċembru 2014, għamlu Planning Control Application mal-Awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u Ippjanar, predeċessur tal-konvenuta Awtorita' tal-Ippjanar, għal *"change of height limitation to semi basement, 3 floors & penthouse, site coverage to 50% as per local plan policy NWSP11 and confirmation of zoning as residential priority area"* fis-sit fi Triq it-Trunċiera, triq Il-Kurazza u Triq Għawdex, fil-Qawra, kif tidher fuq il-pjanta PC17/15/310B anness u mmarkat bħala dok A.
2. Bejniethom għandhom aktar minn 75% tal-proprjeta' tal-*area* tal-art fis-sit imssemmi.
3. Din l-applikazzjoni saret skond kif provdut, u fit-termini, tan-North West Local Plan (NWSP11).
4. Huma kienu għal kollox konformi mar-rekwiżiti kollha applikabbli, tant li d-Direttorat tal-Awtorita' rrakomanda li l-applikazzjoni tagħhom fuq imsemmija tiġi milqugħa.
5. B'danakollu, il-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorita` meta ġie biex jikkunsidra l-applikazzjoni, ma qabilx mar-rakkomandazzjoni tad-Direttorat.
6. Sussegwentement, il-Ministru intimat, is-Segretarju Parlamentati għall-Ippjanau u s-Suq tal-Proprjeta', jew min minnhom, approva d-deċizjoni meħuda mill-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorita' tal-Ippjanar.
7. B'ittra datata 20 ta' Novembru 2017 (Dok B) ġew formalment avżati li l-applikazzjoni tagħhom kienet ġiet miċħuda.

8. Id-deċizjoni tal-konvenuti, jew min minnhom, kienet ultra cires, bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji, u tikkostitwixxi abbuż tas-setgħet da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, billi saret għal għanijiet mhux xierqa jew kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, u f'kull każ kienet kontra l-liġi.
9. Dan l-aġir illegali u abbiżiv tal-konvenuti qed jikkaġuna danni inġenti lill-esponenti.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-deċiżjoni tal-20 ta' Novembru 2017, hija nulla, invalida u mingħajr effett fit-termini tal-artikolu 469A tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament:-

a. minħabba li kienet ultra vires, billi ttieħdet mill-konvenuti bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji; u inoltre,
b. billi tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, minħabba li saret għal għanijiet mhux xierqa jew kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; u
c. billi f'kull każ, l-istess deċiżjoni kienet xort'oħra tmur kontra l-liġi.

2. Konsegwentement tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, jirrevedu id-deċiżjoni tagħhom, u jiddeċiedu l-applikazzjoni tal-esponenti skond il-liġi in linea ma' dak deċiż minn din il-Qorti.

3. Tagħti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti l-oħra kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

B'riserva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-atturi, inkluż għad-danni, kontra l-konvenuti jew min minnhom, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tal-esponenti tas-26 ta' Jannar 2018, kontra l-konvenuti.

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju 2018, din il-Qorti, kif diversament ppreseduta, ordnat li qabel xejn jiġu ttrattati t-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` konvenuta u t-tieni eċċezzjoni tal-intimati l-oħrajn. Fl-udjenza tat-8 t'Ottubru 2019, il-Qorti, kif bħalissa ppreseduta, ordnat li t-trattazzjoni tiġi estiża għall-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` u t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħrajn;

Rat li waqt l-udjenza tal-21 ta' Jannar 2020 il-kawża ġiet imħollija għallum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, u ċjoe` l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-Awtorita` u t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħrajn;

Rat l-ewwel tlett eċċezzjonijiet fir-Risposta maħlufa tal-Awtorita' tal-Ippjanar illi:-

1. Ma tistax, u m'għandhiex, twieġeb għat-talbiet attriċi billi d-deċizjoni dwar l-applikazzjoni PC numru 17/15, li tagħha qed jintalab it-tħassir, ma tteħditx minnha iżda mill-Ministru kkonċernat. Għaldaqstant l-Awtorita' eċċipjenti mhijiex il-leġittima kontradittriċi f'din il-kawża u għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

2. Din il-Qorti hi eżawtorata milli tistħarreġ u tiddeċiedi dwar il-mertu tat-talbiet attriċi, bili s-subinċiż (5) tal-Artikolu 54 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovi "mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju" xieraq għall-atturi fir-rigward ta' dak lamentat minnhom f'din il-kawzża. B'hekk l-azzjoni hi legalment inammissibli u improponibbli, u dan skont dak provdut fis-subinċiż (4) tal-Artikolu 469A tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Id-dekadenza/perentorjeta` tal-azzjoni attriċi, in kwantu diretta fil-konfront tal-Awtorita' tal-Ippjanar, u dan a tenur it-tielet sub-inċiż tal-Artikolu 469A tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi r-rakkomandazzjoni finali tal-Awtorita' dwar l-istess

applikazzjoni ngħatat mill-Kunsill Eżekuttiv (tal-istess Awtorita) lura fl-24 ta' Lulju 2017.

Rat l-ewwel tlett eċċezzjonijiet fir-Risposta Ġuramentata tal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u tas-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjeta` illi:-

2. Kif stipulat fl-artikolu 469A(4) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tissindika l-għemil amministrattiv mertu ta' din il-kawża peress illi ai termini tal-Artikolu 54(5) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 552) l-atturi kellhom rimedju ordinarju, liema rimedju ma utilizzawx:

*"(5) il-kunsill Eżekuttiv jista, fuq talba minn kull persuna, b'deċiżjoni jirrevola jew jimmodiifika deċiżjoni li tirrigwarda applikazzjoni għall-kontroll tal-ippjanar relatata mas-subartikolu (2) u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 80 għandhom mutatis mutandis japplikaw għal dik it-talba."*

3. Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni u mux mill-Ministru nnifsu u dan a tenur tal-artikolu 181B(1) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' din l-eċċezzjoni, l-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għaliex l-artikolu 54(5) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 552) ikkwotat fil-paragrafu ta' qabel, jikkonferma kemm id-deċiżjoni ttiehdet mill-Kunsill Eżekuttiv u mhux mill-Ministru, li ma jiffigura mkien f'dawn il-proċeduri. Għalhekk il-Ministru ma wettaq l-ebda għemil amministrattiv u għandu jiġi liberat minn dawn il-proċeduri;

4. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjeta' mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante illi d-deċizjoni ttieħdet mil-Kunsill minkejja l-fatt li jkun hemm komunikazzjonijiet bejniethom. Kwalunwe komunikazzjoni li tkun

saret bejn il-Kunsill u s-Segretarju Parlamentari bl-ebda mod u manjiera ma tista tiġi mdawra li tfisser li d-deċizjoni ttieħdet mis-Segretarju Parlamentari. Il-Kunsill fi ħdan l-Awtorita' stabbilit permezz tal-artikolu 38 tal-kap 552 huwa l-korp speċjalizzat mogħni b'setgħat wiesgħa u mgħammar b'nies tekniċi ntiżi fil-policies u fil-proċeduri relatati ma dawn it-tip ta' applikazzjonijiet. Bħala konsegwenza ta' dawn il-poteri vasti, huwa l-Kunsill li għandu s-setgħa li jirrevoka jew jimmodifika din l-istess deċiżjoni u l-ebda entita` jew persuna oħra. Għalhekk is-Segretarju Parlamentari ma wettaq l-ebda egħmil amministrattiv u għandu jiġi liberat minn dawn il-proċeduri.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li d-deċiżjoni ttieħdet mis-Segretarju Parlamentari konvenut. Għaldaqstant, il-Ministru ma pparteċipa bl-ebda mod fid-deċiżjoni u għalhekk mhux leġittimu kontradittur. Min-naħa l-oħra, l-Awtorita`, għalkemm kienet involuta sew fil-proċess li qiegħed jiġi mpunjat, ma ħadet l-ebda deċiżjoni imma għamlet rakkomandazzjoni lis-Segretarju Parlamentari li ġiet approvata minnu. Dan jirriżulta mill-ittra li l-Board Secretary kiteb lis-Segretarju Parlamentari konvenut, fejn jingħad li "*this position statement*" – u allura mhux *decision* – "*is being referred in accordance with Articles 59(6) and 49(5) of the Environment and Development Planning Act.*" Art. 49(5) jagħmel riferenza għall-Art. 58(2) (i) sa (n) u japplikahom *mutatis mutandis*, u jirreferi għall-ħtieġa li l-Awtorita` għandha "titlob l-approvazzjoni tal-Ministru" – kif effettivament kienet qiegħdha tagħhmel. Skont sentenza ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta (Onor. Imħ. Anthony Ellul) fl-ismijiet **Michael Debono Limited et v Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

fis-27 ta' Mejju 2016, iċċitata mill-Awtorita` fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li kienet titratta każ bi proċess simili għal dak preżenti, ġaladarba l-Awtorita` għamlet rakkomandazzjoni iżda ma ddeċidiet xejn, allura lanqas hi m'hi leġittimu kontradittur. Din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddiskosta ruħha minn dan ir-raġunament; għaliex dak li qiegħed jiġi attakkat huwa l-egħmil amministrattiv u ċjoe` d-deċiżjoni nnifisha; deċiżjoni li ma ħadithiex l-Awtorita`;

Illi ġaladarba l-Awtorita` mhix leġittimu suġġett passiv għall-azzjoni tallum, taqa' wkoll l-eċċezzjoni tagħha tad-dekadenza tal-azzjoni; eċċezzjoni li ma ġietx imqanqla mill-konvenuti l-oħrajn u li fi kwalunkwe każ ma tapplikax għalihom billi bejn id-deċiżjoni rilevanti u l-intavolar ta' din il-kawża ma laħaqx għadda t-terminu dekandenzjali rilevanti;

Illi l-partijiet ma jaqblux dwar id-disponibilita` ta' rimedju alternattiv. Il-konvenuti jisħqu li l-atturi m'użawx ir-rimedju li jagħtihom l-Art. 54(5) tal-Kap 552 li jagħti dritt lil kull persuna li titlob ir-revoka jew il-modifika ta' deċiżjoni li tirrigwarda applikazzjoni għall-kontroll tal-ippjanar relatata mas-subartikolu (2) tal-Art. 54 u tistipula li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 80 għandhom mutatis mutandis japplikaw għal dik it-talba. L-atturi jisħqu li:

(i) l-Art. 80 japplika biss għall-finijiet ta' tibdil jew revoka ta' permess approvat u ma japplikax fejn permess jiġi miċħud. Dan huwa minnu, iżda l-Artikolu 54 m'għandux din il-limitazzjoni: persuna tista' tapplika, taħt l-Art. 54, kemm jekk applikazzjoni tkun ġiet approvata, kif ukoll jekk tkun ġiet miċħuda. Billi Artikolu 80 japplika *mutatis mutandis,* din il-limitazzjoni li hemm fih ma testendix għall-Art. 54.

(ii) l-Art. 80 japplika biss meta jseħħu xi wieħed jew iżjed mill-erba' ċirkostanzi msemmija fih u ċjoe`(a) ikun hemm allegat frodi, (b) tkun ġiet sottomessa nformazzjoni qarrieqa, (ċ) ikun hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument jew (d) fejn is-siġurta` pubblika tkun ikkonċernata u li l-ebda

waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi m'huma qegħdin jiġu allegati mill-atturi. L-Awtorita`, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha (fol 204 u 205) tidher li qiegħdha tisħaq li l-ilment tal-atturi kien jaqa' taħt iċ-ċirkostanza (ċ). Il-konvenuti l-oħrajn, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, baqgħu siekta dwar l-argument tal-atturi. Ħadd mill-konvenuti iżda m'argumenta li dawn il-limitazzjonijiet posti fl-Art. 80 ma japplikawx għall-Art. 54. Fil-verita` m'hemm xejn fl-Art. 54 li jimpedixxi l-applikazzjoni ta' dawn il-limitazzjonijiet, bħalma hemm fil-każ tal-para (i) supra. Dan ifisser li l-atturi tabilħaqq ma kellhomx rimedju alternattiv taħt l-Art. 54;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar u teħlisha mill-osservanza tal-ġudizzju u, fid-dawl ta' dan, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tagħha.

(2) tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Ministru u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

(3) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Segretarju Parlamentari.

(4) tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Segretarju Parlamentari.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Moqrija

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA